# IŻ-ŻMIEN

Żmien, xi tkun? Fewġa li tgħaddi
U tbus ħelu l-ward t'April,
Jew bħal riħ li jobrom qawwi
Bla tmellis u bla żegħil?

Xi tkun int, ħajbura ċkejkna
Li fis-sema tgħib u ttir?
Jew bħal firxa sewda għaddejja
Tbażża' w thedded, ta' sħab kbir?

Int min ħalqek? Fejn tgħix inti?
Fejn hi d-daħka ta' għajnejk?
Xi tħoss qalbek? X'saħħa fihom
Il-għeruq li hemm f'idejk?

Jien ma nafx, ma nistax nifhmek,
Isejħulek bl-isem "Żmien",
Qalu: saħħtek ħadd ma jegħleb,
Tgħix kull ħin u kullimkien.

—U hekk hu!—smajt leħen jgħidli
Bla ma naf dal-leħen mnejn,
—Ħajti twila fuq li twila,
Saħħti kbira, u għalxejn

Deħen il-bniedem jaħdem għaqli
Biex iwaqqa' dak l'għamilt,
Xejn ma jmut minn dak li f'qalbi
Jien ħabbejt u jiena ħmilt.

M'għadhomx sħaħ il-ġrajjiet qodma
Ta' tifħir, ta' ħajr, ta' demm?
Dawk uliedi, jien nissilthom,
Tajthom ħajja bla tintemm.

Jien niftakar—qisu lbieraħ
Għalkemm gerbu eluf ta' snin—
Fl-egħrien jgħixu, fl-egħrien jaħdmu,
Bla lbies fuqhom il-bnedmin.

Kienu jieklu dak li jsibu,
Jiġru, jterrqu lejl u nhar,
Jaħdmu, jħaffru, jkissru, jpittru,
L-għodda tagħhom tal-fuħħar.

Wara jum ta' ħidma sfiqa
Kont nar'hom qtajja' deħlin,
B'qalbhom f'idhom biex jitolbu
Ġo l-imqades imdawlin.

U mal-mewġ tal-ħajja rajthom
F'ħajr u ġieh jogħlew il-ġnus,
Nies fil-għoli isem jiksbu,
Poplu sħiħ ma' l-art mirfus.

Taqlib kbir: id-dinja miexja
Għall-aħjar kull ħin, kull waqt,
Dejjem ridt il-għerf inxerred,
Drawwiet qodma nbiddel xtaqt.

F'dat-taqlib, f'lejla ta' reżħa,
Meta s-sena kienet tnin,
F'nofs ta' lejl, f'għar ċkejken, sieket,
Rajt jitwieled il-Bambin.

Twieled Alla, sid il-ħlejjaq,
U mas-snin il-Kelma ġriet,
Dik il-Kelma mqaddsa u kbira
Li bid-dawl id-dinja mliet.

Dik il-Kelma qisu b'seħer
Darba ġriet f'qoxra ta' qlugħ,
Għalkemm qam il-baħar, waslet
F'nitfa t'art biex timla r-ruħ

Ta' ulied li ntrabtu magħha
B'qima, sebħ, w għożża qawwija,
Xejn ma ġġarraf dak li nbena
Dak in-nhar fir-ruħ maltija.

Jien, iż-Żmien, naħkem li għadda,
X'qed isir u dak li ġej,
Qatt ma nieqaf, miexi dejjem,
Ma nixjeħx--dejjem għaddej.

Naf inżiegħel bħalma ż-żiffa
Tbus fil-ġonna l-ward sabiħ,
Naf inkisser f'qillti mgħaddab
Hekk kif jagħmel l-eħrex riħ.

Ngħix fix-xejn, bla ħadd jarani,
Nagħti l-ħajja lit-tfal żgħar,
U nar'hom jikbruli f'żgħażagħ,
U minn żgħażagħ f'irġiel kbar.

Meta l-medda tar-rġulija
Timxi aktar 'il quddiem,
Ġewwa l-qasam tax-xjuħija
Fuq l-uċuh nonqox l-egħliem.

Ħajti nqatta' fl-art u s-sema,
Sa fuq l-iġbla, ġo l-egħrien;
Jekk qatt tilmaħ jibjad xagħrek
Għid: "Għaddej minn fuqi *ż-Żmien.*"

Ġużè Chetcuti.

## L-IMĦABBA KBIRA

Int li timlieli ħsiebi minn xħin jisbaħ sa ma jidlam. Bik noħlom lejl u nhar. Għax int, għalkemm għajruk fqajjar, għalkemm, qalu, ilbiesek u suritek xejn ma jixbhu lil ta' l-oħrajn, fik għandek xi ħaġa li tiġbidni, li ġġenninni, li ġġagħalni nħobbok. Kif nista' ma nħobbokx jekk int tiegħi kollok kemm int? Bik jien ninqeda fil-ħajja ta' kull jum, o Lsien Malti. Bik nibqa' ninqeda sa l-aħħar nifs ta' ħajti. Ilqagħha mela, din l-imħabba li għandha mill-ġmiel tassema safi f'xi għodwa ħelwa tar-rebbiegħa; din l-imħabba mogħnija bil-fwieħa tal-ward, mimlija bil-benna tal-għasel: din l-imħabba kbira.